Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**AARON BUGEJA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Numru. 957/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**Vs**
**Matthew Abela u Helena Georgina Consiglia Calleja**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 30 ta` Settembru, 2013;

L-imputati gew akkuzati talli fi Triq Nazju Ellul, Gzira;

1. Nhar l-20 ta` Awwissu, 2013, ghall-habta ta` 11:00 ta` filghaxija minn go vettura ta` ghamla Mitsubishi Lancer bin-numru ta` registrazzjoni FBB515 flimkien bil-hsieb li jaghmlu delitt wrew dan il-hsieb b`atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta` serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa


Qrati tal-Gustizzja

ghad-dannu ta` Carmel Vella, u/jew ta` xi persuna/i u/jew xi entita` u/jew entitajiet ohra, u aktar;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlu hsara fuq il-bieba ta` vettura Mitsubishi Lancer bin-numru ta` registrazzjoni FBB 515 ghad-detriment ta` Carmel Vella u/jew persuna/i ohra liema hsara hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

U aktar lil Matthew Abela wahdu akkuzat:

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi zamm u garr arma li taqta u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti u d-dokumenti ezibiti;

Rat li matul is-seduta tas-17 t'Ottubru 2013 waqt l-ezami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) u 370(4) tal-Kodici Kriminali, l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja kif jidher minn fol 16 sa' 21 rispettivament;

Rat ukoll li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja kif jidher minn fol 15;

Innutat ukoll li waqt l-ezami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodici Kriminali, iz-zewgt imputati rispettivi wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom inkondizzjonatament.

Il-Qorti wissiet liz-zewgt imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u wara li taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk humiex sejrin jergghu lura minnha, l-imputati wiegbu li huma inkondizzjonatament hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom.

Peress li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti thoss li ghalhekk dawn  huma sodisfacentement pruvati.

Ghalhekk, meta qieset kont tac-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz, il-Qorti ma tistax hlief tiddikjarahom hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Fil-fatt ghall-fini tad-determinazzjoni tal-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu konjizzjoni tas-segwenti : -

Matul is-seduta tas-17 t’Ottubru 2013, id-difiza tenniet li l-imputati ghandhom problema tal-abbuz tad-droga; izda din il-problema ghadha fi stadju li ghad tista tigi indirizzata jekk isir assessment u li jista jwassalhom ghal programm ta’ rijabilitazzjoni.  Minn naha taghha l-Prosekuzzjoni irrikonoxxiet li dawn il-fatturi huma minnhom u rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti f’dan ir-rigward.

Fid-dawl ta’ dawn is-sottomissjonijiet il-Qorti ordnat lill-Agenzija Sedqa sabiex taghmel evalwazzjoni tal-imputati sabiex jigi stabbilit jekk jistghux jaghmlu programm ta’ rijabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga u f’kaz pozittiv x’tip ta’ programm ikun l-aktar indikat u adattat ghall-htigijiet partikolari taghhom.

Illi in ezekuzzjoni ta’ din l-Ordni, l-Agenzija Sedqa, rapprezentata minn Vicky Scicluna irrapurtat li : -

(a) Matthew Abela diga kellu kuntatti mal-Caritas Malta u minn dak li ra’ operatur tal-Programm tal-Caritas Malta (Reuben Degabriele) jekk dan isib xoghol u jzomm “clean” mid-droga, huwa jkun jista jibbenefika minn “evening course”  mahsub ghal persuni bhal Abela.
(b) Helena Calleja kienet diga ghamlet kuntatti mal-Programm Oasi u ghalhekk kien indikat li tkompli l-kuntatti taghha mal-operaturi ta’ dan il-Programm (Noel Scerri) sabiex tkun tista ssegwi tali Programm.

Illi semghet ukoll lill rapprezentant tal-Programm Oasi – Rodianne Azzopardi li tenniet is-segwenti –

(a) Matthew Abela kellu kien beda jsegwi l-Programm residenzjali tal-Oasi fid-19 ta' Gunju 2013 izda kellu jigi mwaqqaf fil-15 ta' Lulju 2013 minhabba inkompatibbilta peress li kellu nuqqas ta' kapacita biex ihaddem dan il-programm u l-programm residenzjali kien qieghed jaghmillu aktar hsara milli gid.
(b) Helena Calleja kienet bdiet il-programm residenzjali tal-Oasi fis-6 ta' Mejju 2013 izda din ghazlet minn jeddha li ma tkomplihx u harget minnu nhar it-22 ta' Gunju 2013. Izda bhal issa kienet qeghda f'kuntatt mal-operaturi tal-Programm bi thejjija ghal ammissjoni fl-istess fuq bazi residenzjali.

Il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tan-natura tar-reati imputati kif ukoll il-fedina penali rispettiva taghhom.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsirdat : -

Illi mill-informazzjoni migbura minghand ix-xhieda hawn fuq imsemmija jidher bic-car li l-motivazzjoni sabiex l-imputati jaghmlu programm ghar-rijabilitazzjoni b'mod volontarju hija wahda alkwantu fjakka u dghajfa. Biss minkejja dan din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz l-imputati ghadhom fi stat fejn jistghu jibbenefikaw enormement minn programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-dipendenza u l-abbuz tad-droga. Pero l-Qorti temmen bis-shih li l-aktar li jibbenefika minn tali programm, dment li jintemm b'success huwa l-Istat Malti fil-kaz li l-imputati jirnexxielhom jeghlbu dan il-vizzju b'success. Din il-Qorti temmen bis-shih li dan ghad jista jsehh f'dan il-kaz u ghal din ir-raguni qed taghzel li ma timponix piena karcerarja ghar-reati li wetqu l-imputati f'dan il-kaz izda qeghda taghtihom cans iehor, bit-tama li din id-darba jiehdu din il-"window of opportunity" li din il-Qorti qed tikkoncedilhom bis-serjeta u jqumu fuq saqajhom.

**<u>Decide : -</u>**

**A. <u>Kwantu ghall-hati Matthew Abela</u>**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 17(h), 31, 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 270, 271(g), 278(1)(3) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif ukoll l-Artikoli 6, 51(6), 56 u 57 tal-Att dwar l-Armi (Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta), fuq l-ammissjoni tieghu stess, qeghda ssib lill-Matthew Abela hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu : -
(a) kwantu ghat-tielet imputazzjoni tikkundannah ghal multa ta’ mitt euro (E100) kif ukoll tordna l-konfiska tal-arma misjuba fuq l-imputat filwaqt li tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi licenza taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal zmien hames snin millum;
(b) kwantu ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni, peress li hija tal-fehma li fic-cirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Ligi, ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qeghda tpoggi lill-imputat Matthew Abela taht Ordni ta’ *Probation* ghal perjodu ta’ tliet (3) snin millum kif ukoll qeghda tqieghdu taht ordni ta’ trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta’ reati simili nonche sabiex jeghleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga, b’dan li ghal dan l-iskop qeghda tahtar lil Direttur tal-Fondazzjoni Oasi sabiex jaghmel dawk l-ezamijiet kollha mehtiega fuq il-hati nonche jippreskrivi dawk it-trattamenti u/jew kura u/jew programmi kollha li jkunu mehtiega biex Matthew Abela jeghleb b’success il-vizzju ta’ dipendenza u l-abbuz mid-droga, liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digrieti moghtija illum stess u annessi ma din is-sentenza u li jifformaw parti integrali minnha.
Inoltre, ai termini tal-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda tordna lill-Matthew Abela sabiex ihallas minnufih lil Carmel Vella is-somma ta’ mitejn tlieta u tmenin Euro (E283) flimkien u in solidum ma’ Helena Georgina Consiglia Calleja rapprezentanti d-danni kollha kagunati fuq il-vettura Mitsubishi Lancer numru tar-registrazzjoni FBB-515 in konsegwenza ghal dan il-kaz.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti fissret lill-Matthew Abela bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta’ probation u trattament kif ukoll tal-

kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation u trattament moghti bid-Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Matthew Abela, kif ukoll li jigu notifikati lid-Direttur tal-Fondazzjoni Oasi sabiex ikun jista jibda jwettaq l-ordni tal-Qorti minnufih.

L-Ufficjal tal-*Probation* assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Matthew Abela kull sitt (6) xhur.

**B. <u>Kwantu ghall-hatja Helena Georgina Consiglia Calleja</u>**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 17(h), 31, 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 270, 271(g), 278(1)(3) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) fuq l-ammissjoni taghha stess, qeghda ssib lill-Helena Georgina Consiglia Calleja hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u peress li hija tal-fehma li fic-cirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Ligi, ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeghda tpoggi lill-hatja Helena Georgina Consiglia Calleja taht Ordni ta' *Probation* ghal perjodu ta' tliet (3) snin millum kif ukoll qeghda tqieghda taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili nonche sabiex teghleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga, b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tahtar lid-Direttur tal-Fondazzjoni Oasi

sabiex jaghmel dawk l-ezamijiet kollha mehtiega fuq il-hatja Helena Georgina Consiglia Calleja nonche jippreskrivi dawk it-trattamenti u/jew kura u/jew programmi kollha li jkunu mehtiega biex Helena Georgina Consiglia Calleja teghleb b'success il-vizzju ta' dipendenza u l-abbuz mid-droga, liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digrieti moghtija illum stess u annessi ma din is-sentenza u li jifformaw parti integrali minnha.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna lill-Helena Georgina Consiglia Calleja sabiex ihallas minnufih lil Carmel Vella is-somma ta' mitejn tlieta u tmenin Euro (E283) flimkien u in solidum ma' Matthew Abela rapprezentanti d-danni kollha kagunati fuq il-vettura Mitsubishi Lancer numru tar-registrazzjoni FBB-515 in konsegwenza ghal dan il-kaz.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti fissret lil Helena Georgina Consiglia Calleja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista tinghata sentenza ghar-reati li taghhom tinstab hatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation u trattament moghti bid-Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' Helena Georgina Consiglia Calleja, kif ukoll li jigu notifikati lid-Direttur tal-Fondazzjoni Oasi sabiex ikun jista jibda jwettaq l-ordni tal-Qorti minnufih.

L-Ufficjal tal-*Probation* assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmija Helena Georgina Consiglia Calleja kull sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------